KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' onlajn fuq messenger, nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju, 2020, fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**14.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

14.01.01 Carmen Borg - Kunsillier
Cynthia Tommasuolo - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**14.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 13 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**14.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-uffiċju l-ġdid ta' s-Segretarju Eżekuttiv daqt lest, huwa irimarka li kif jitlesta ix-xogħol fuq, ikollna kamra oħra x'nistgħu noffru l-għaqdiet.

14.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-letrina ta' triq il-ferrovija tinstab miftuħa u qedien nevalwaw is-sitwazzjoni dwar il-bandli.

14.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-billboards ta' fejn il kunsill saru u ġew puliti ħafna. Il-kunsill qabel unanimament.

14.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li saru żewġ clips, wieħed jifoka fuq bibien u faċċati u l-ieħor fuq knejjes. Huwa spjega li fadal xi jsiru oħrajn li jiffukaw fuq affarijiet oħra fil-Ħamrun.

14.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħaddiem full time bl-iskema ħa jibda f'nofs Ġunju, filwaqt li ħarget sejħa oħra għal persuna part-time. Huwa irimarka wkoll li is-sejħa għal-ħaddiem klerikali daqt tagħlaq u għaldaqstant imbgħadt issiru l-intervisti neċċesarji.

14.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill kellu laqgħa mal-persuna ikonċernati biex issir il-Bus Stop ta' Triq il-Kappilan Mifsud viċin Sant Venera.

14.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħaddiema tagħna għadom qed iqassmu madwar 50 xirja fil-ġimgħa f'isem il-fondazzjoni.

14.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill għamel hafna manutenzjoni u tisbieħ ta' diversi zoni bis-saħħa tal-ħaddiema tal-privat. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irimarka li hemm bżonn issir l-arblu li hemm blata l-bajda, huwa ġie infurmat li sa tkun qed tagħmlu għaqda Ħamruniża

14.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li inxtraw xi bnadar ta' Malta, kif ukoll tal-kunsill biex insebħu il-lokal.

14.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li fi triq Santa Marija tneħiet U-Bar minħabba li ma kienx qed ikun hemm aċess għal vetturi kbar. Huwa issuġerixxa li it-triq issir mhux aċessibli għal vetturi kbar ta' ċertu daqs. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li l-kunsill irċieva proposta mil-Ħamrun Liberty, biex issir statwa ta' San Ġuzepp biswit id-daħla tal-Ħamrun in-naħa ta' Blata l-Bajda. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa magħhom għal iktar dettalji.

**14.04 Pjazza San Pawl**

14.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-funtana ta' Pjazza San Pawl tlestiet kif ukoll sar tisbieħ tal-bankinijiet u arbli. Huwa qal ukoll li daħlet l-applikazzjoni biex issir il-bandli.

**14.05 Triq Kapillan Mifsud**

14.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li għadejja il-ħidma biex jinbeda il-pavimentar. Huwa qal li peress biex nagħdu is-servizzi kollha min taħt il-bankina huwa diffiċli minħabba l-ispejjeż enormi, bħalissa qed tiġi evalwata l-possibilta li is-servizzi jgħaddu min taħt imqar fejn jaqsmu it-triq. Huwa qal li idealment nużaw inprint fuq il-bankina u jsiru fanali ma' t-triq kollha. Il-kunsill qabel unanimament.

**14.06 Ħanut triq il-Kbira / Shelter Triq Atoċia**

14.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li bħala kunsill hemm bżonn nagħżlu liema post ikun devolut l-ewwel**.** Il-Kunsill Qabel unaniment fuq il-Ħanut fi' Triq Il-Kbira.

**14.07 Kameras Ġodda – Triq Ħal Qormi u Cordina Perez**

14.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li għal nofs Ġunju sa jkunu qed jitwaħlu, kif ukoll li ix-xogħol sa jkun qed issir bil-lejl.

**14.08 Skeda ta' Hlasijiet**

14.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Mejju, 2020.

**Il-Kunsillier jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Vince Bonello** issekonda l-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**14.10 Ħwejjeġ Oħra**

14.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-kumpaniji li provdew il-ħaddiema. Il-kunsill qabel unanimament li tintbgħat kif dawn jiġu magħjta lura.

14.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa hux sa issir laqgħa mal-puluzija, huwa irrimarka li hemm bżonn inkunu informati jekk ħarġux multi fuq il bye-law li konna għamilna. Huwa qal li diffiċli li ħadt ma kisser il-liġi f'sena. **Is-Sindku Christian Sammut** irrimarka li aħjar nistenew ftit ħa naraw l-eżitu ta' diversi rapporti li għamilna riċentament kif ukoll tal-barriers li poġejna fi' pjazza San Pawl
,

14.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li li kellu diskussjoni ma Trevor Zahra, fejn iddiskuta il-possibilta li issiru xi sessjonijiet ta' qari bil-Malti. Huwa qal li jekk il-kunsill jaqbel, jitkellem iktar miegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10.04 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** reġa' ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' triq Qormi, huwa qal li qed issiru ħafna ilegalitajiet. **Is-Sindku Christian Sammut** fakru li sa jitwaħlu l-kameras u ħa jkollna persuna tiċekjom ta' spiss.

14.10.05 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li minħabba Unloading Bay fi' triq Patri Magri, hemm problema ta' Parkeġġ. Huwa talab hux possibli li residenti jużaw il-parkeġġ ta' l-istbilimenti minghajr ħlas. Huwa ġie infurmat li l-parkeġġ huwa mingħajr ħlass u jista jsir hekk.

14.10.06 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** rimarka li qed jintefa ħafna skart fi' Triq Ġużè Pace. **Is-Sindku Christian Sammut** informaħ li saru diversi rapporti, anki biex tingħata it-tarmak. Huwa qal li jekk nafu xi persuna li nisgħu inqabdu lamera mas-sistema tiegħu bħal ma sar post ieħor, jinformaw lil kunsill.

14.10.07 **Il-Kunsillier Vince Bonello** staqsa dwar planter fi' triq Giovanni Barbara. Huwa ġie infirmat li sa jitpoġew xi pjanti.

14.10.08 **Il-Kunsillier Vince Bonello** staqsa dwar il-mera li kella teħel fi' triq Ġużè Pace faċatta ta' Triq Barth. Huwa ġie informat li ħa jibdew il-proċeduri biex tehel.

14.11.08 **Il-Kunsillier Vince Bonello** irrimarka li l-gvern kellu jneddi skema biex issir transport intern f'kull raħal. Huwa qal li iz-zona ta' r-rabat hemm ħafna anzjani, għaldaqstant transport intern ikun utli ħafna. Il-Kunsill qabel li nistennew ftit biex naraw x'ħa jagħmel il-gvern ċentrali.

**14.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

14.01.01 Il-laqgħa intemmet fis-8:00p.m, u ġiet aġġornata.

Konfermati, illum, _____________________

______________________ ______________________

Christian Sammut Daniel Bugeja

Sindku Segretarju Eżekuttiv